MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 235/2004

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Elmousa Mohamed**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tnejn u hamsin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm552.40), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 2138 3149 (skond kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok.A u B);**
**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-14 ta' Mejju, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenuit baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm552.40), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-23 ta' Marzu, 2004, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------